**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 17 ta' Jannar, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Benjamin Gatt**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Benjamin Gatt detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 573980M akkuzat talli fil-21 ta' Jannar, 2014 ghall-habta ta' 08:20 ta' filghodu fi Triq it-Torri Msida:

1. Minghajr il-hsieb li totqol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklku car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Vito Scuderi skond kif iccertifikat minn Dr Fabian Bonello reg 5405

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali tad-19 t' Ottubru, 2015 (inserita a fol. 374 tal-atti processwali) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 214, 215, 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2018 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet Finali maghmula mill-Parte Civile u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fil-21 ta' Jannar 2014 fi Triq it-Torri, l-Imsida bejn Vito Scuderi u l-imputat fejn Vito Scuderi sofra feriti li gew klassifikati bhala gravi. Mill-provi prodotti jirrizulta li l-parti civili jopera mini market u kien jordna merci minghand Vivian Corporation, il-kumpanija fejn jahdem l-imputat bhala sales and marketing manager. Dakinhar tal-incident waqt li l-imputat kien miexi lejn ix-xoghol, Vito

Scuderi nserta kien ghaddej mit-triq u beda’ jpaqpaq il-horn tal-vettura tieghu sabiex jattira l-attenzjoni tal-imputat. L-imputat mar hdejh u Vito Scuderi beda jargumenta mal-imputat li Vivian Corporation ma kinitx kumpanija serja ghaliex ir-rapprezentanti taghha kienu ilhom ma jmorru l-hanut tieghu bejn tletin u erbghin jum kif ukoll ghaliex kienu jibaghtulu a’ prodotti ta’ ditti differenti minn dawk li kien jordna. Meta l-imputat ra li l-parti civili kien ser jibqa’ jargumenta offendih u telaq lejn l-ufficini ta’ Vivian Corporation. Mill-video tal-akkadut li gie moghti mill-imputat lill-Ispettur Jonathan Ransley (Dok. AD1 prezentat fl-udjenza tat-30 ta’ Mejju 2014)[1] jidher li l-parti civili segwih. Kif l-imputat wasal hdejn il-bieb tal-kumpanija, il-parti civili gibed minn wara x-xalla li kienet m’ghonq l-imputat. L-imputat tilef ftit il-bilanc u spicca fuq il-bankina. Vito Scuderi dar quddiem l-imputat u l-imputat qabdu mill-gakketta u mbuttah in-naha l-ohra tat-triq. F’dan l-istadju l-parti civili kien qieghed izomm lill-imputat ukoll mill-blazer tieghu. Il-partijiet spiccaw mal-art bl-imputat izomm il-parti civili vicin karozza. Sussegwentement Charles Formosa, impjegat ta’ Vivian Corporation mar hdejhom u l-imputat halla lill-parti civili u rega’ beda jimxi lejn l-ufficcju. Sakemm l-imputat mexa’ quddiem l-ufficcju flimkien ma’ Charles Formosa, l-parti civili qam u rega’ mar wara l-imputat izda nies li ngemghu fuq il-post u l-istess Charles Formosa qalulu sabiex jitlaq mill-post u Vito Scuderi telaq lejn il-karozza tieghu. Wara l-incident l-imputat irrapporta l-akkadut l-Ghassa tal-Imsida (ir-rapport jinsab esebit bhala Dok. MA1 a fol 23 sa 27 tal-atti processwali). Il-parti civili kellu jigi rikoverat l-isptar u sussegwentement nhargu l-imputazzjonijiet odjerni fil-konfront tal-imputat.

[1] Fil-proceduri gie mahtur Kurt Mahoney li hareg l-stills tal-video esebit li gew esebiti fl-udjenza tal-4 ta’ Lulju 2014 (a fol 53 sa 85 tal-atti processwali).

Illi fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2014 il-parti civili Vito Scuderi xehed (a fol 92 sa 100 tal-atti processwali) li qal li dakinhar tal-incident beda jilmenta mal-imputat ghaliex ir-rapprezentant ta' Vivian Corportation kien ilu ma jmur ghandu madwar erbghin gurnata. Il-parti civili qal li prova jzomm lill-imputat mix-xalla fejn l-imputat dar ghalih u imbuttah bi vjolenza kontra karozza u wadbu mal-art. Il-parti civili jsostni li huwa ntilef minn sensih u meta gie f'sensih sab lill-imputat fuqu. Huwa qal li bhala konsegwenza ta' dan l-incident kellu hames kustilji miksurin u spalla aktar baxxa mill-ohra. Scuderi jkompli jghid li kif spiccat il-glieda mar fil-karozza, cempel lil martu u marru l-Isptar[2]. Minhabba l-incident spjega li ghadu jbaghti minn ugiegh u ghadu jiehu l-kura. In kontro-ezami fl-udjenza tal-15 ta' Frar 2019 (a fol 380 sa 395 tal-atti processwali) zied jghid li lill-imputat kemm messlu x-xalla sabiex l-imputat jiskuza ruhu tal-kliem li kien ghadu kif qallu u kien l-imputat li pogga jdejh fuqu.

Illi fl-udjenza tal-4 ta' Lulju 2014 xehed Dr Fabian Bonello (a fol 43 sa 52 tal-atti processwali) fejn spjega li fil-21 ta' Jannar 2014 kien huwa li ezamina lil Vito Scuderi fid-dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei fejn ikkonstata li dan kellu hames kustilji fuq in-naha tal-lemin miksurin u hemothrax. Il-griehi gew klassifikati bhala grievous minhabba li kien hemm perforazzjoni ta' body cavity in-naha tal-pulmun. Fl-udjenza tal-21 ta' Mejju 2015 Mr Walter Busuttil xehed (a fol 131 sa 141 tal-atti processwali) li hu kien it-tabib li ra lill-parti civili fil-jiem li ghamel l-isptar wara li ddahhal l-emergenza. Ikkonferma li dak iz-zmien li ta' x-xhieda tieghu spallet il-parti civili kienet ghadha qed tigi trattata izda l-kustilji u l-pulmun fiequ. Spejga li minkejja li l-kustilji u l-pulmun fiequ meta jigi r-rih

[2] Xhieda korraborata wkoll mix-xhieda ta' Marisa Marmara fl-udjenza tas-26 ta' Frar 2016 a fol 174 sa 181 tal-atti processwali

taghhom il-parti civili jkun migugh izda jista' jibqa ghaddej bl-attivitajiet ta' kuljum. Xehed li meta gie rikoverat il-parti civili kien hemm periklu ghal hajtu. Fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2017 xehed Mr Kevin Schembri (a fol 232 sa 238 tal-atti processwali) li huwa ezamina lill-parti civili dakinhar tal-incident fil-Cardiac Surgical Ward. Ikkonferma li l-parti civili kellu hames kustilji miksura fuq in-naha tal-lemin, contusion zghira fil-pulmun u dislocation fl-ispalla li ghaliha kien rah Mr Joe Borg. Idejh kienet tpoggiet fi sling u ma kienx hemm bzonn ta' interventi kirurgici ghall-ebda griehi li sofra[3]. Fl-udjenza tat-12 ta' Jannar 2018 gie prezentat affidavit ta' Mr John Casaletto li kien ezamina wkoll lill-parti civili u kkonstata fit-28 ta' Marzu 2017 opera lill-parti civili fi spaltu u l-griehi kienu gravi. Fix-xhieda tieghu fl-udjenza tal-4 ta' Dicembru 2018 (a fol 375 sa 378 tal-atti processwali) dan ix-xhud iddikjara li l-parti civili kellu tear fit-tendon gewwa l-ispalla u gie operat fl-2017. Spjega l-griehi ma kinux urgent injuries u l-parti civili seta' jkompli bl-attivitajiet tal-hajja ta' kuljum tant li l-operazzjoni saret tlett snin wara l-incident.

Fil-21 ta' Jannar 2014 l-imputat irilaxxja stqarrija (a fol 5 u 6 tal-atti processwali) fejn stqarr li wara argument li l-parti civili kellu mieghu dwar is-servizz moghti minn Vivian Corporation il-parti civili qabdu mix-xalla u mill-ghonq tal-qmis u beda jimbuttah. L-imputat jghid li huwa bed a jiddefendi ruhhu u prova jnehhi lill-imputat minn mieghu izda spiccaw li waqghu it-tnejn mal-art. Gatt stqarr li huwa baqa jzommu mal-art ghaliex beza li l-parti civili ser ikompli jigranfah. L-imputat xehed fl-udjenza tad-29 ta' Marzu 2019 (a fol 397 sa 411 tal-atti processwali) fejn qal li dakinhar tal-incident Vito Scuderi kien qed jaghmel hafna storbju barra Vivian Corporation waqt l-argument li kellhom. Sabiex ma jkunx hemm kjass

[3] Kopja tal-file mediku tal-parti civili giet esebita bhala Dok. LB1 a fol 247 sa 359 tal-atti processwali.

barra l-ufficju tal-kumpanija l-imputat offendih u telaq lejn l-ufficcju. Waqt li kien miexi l-parti civili gibdu mix-xalla li kienet marbuta m'ghonqu. Peress li l-imputat kellu injury fi spalltu mill-football xi zmien qabel prova jnehhih minn mieghu izda l-parti civili kien ser jaghtih daqqa ta' ponn u sforz il-biza l-imputat jghid li qabdu mill-gakketta u mbuttah. Il-parti civili igranfa mal-blazer tal-imputat u l-imputat tgerbeb fuqu. Meta waqghu id il-parti civili kienu ghadhom fuq l-imputat. L-imputat zamm lil Vito Scuderi mal-art sabiex ma jergax jaggredih u hallih meta mar hdejhom l-impjegat ta' Vivian Corporation Charles Formosa. L-imputat kompla jghid li kif kompla miexi lejn l-ufficcju il-parti civili rega' mar warajh u l-imputat qallu biex jitlaq. L-imputat sostna li l-intenzjoni tieghu ma kienetx li jweggha lil Vito Scuderi u l-griehi sofferti minn Vito Scuderi sehhu ghaliex l-imputat li jizen madwar 100 kilogramm waqa' fuq il-parti civili.

Illi fl-udjenzi tat-30 ta' Settembru 2016 u 17 ta' Marzu 2017 xehed Charles Formosa (a fol 201 sa 209 u 216 sa 227 tal-atti processwali), impjegat ta' Vivian Corporation, li qal li dakinhar tal-incident waqt li kien jinsab fuq xoghlu sema' storbju u ghajjat bil-lingwa Taljana. Huwa hareg fit-triq u ra lill-imputat izomm lil parti civili mal-art. Kif mar hdejhom l-imputat qam u bdew mixjin lejn l-ufficcju. F'dan l-istadju l-parti civili rega' mar warajhom u l-imputat qal lix-xhud sabiex izommu l-boghod minnu sabiex il-parti civili ma jergax ihebb ghalih.

Ikkunsidrat:

Illi mill-video tal-akkadut jidher car li l-imputat kien ghall-affari tieghu sejjer ix-xoghol. Wara l-argument il-parti civili jidher jigbed b'certu sahha x-xalla

li kienet m'ghonq l-imputat u jdur quddiem l-imputat waqt li kien qieghed imiss il-blazer tieghu. Mill-video ma jidhirx car jekk il-parti civili kienx ser jaghti daqqa ta' ponn izda jidher li kellu idejh hdejn spallet l-imputat. Huwa f'dan l-istadju li l-imputat qabad il-gakketta tal-parti civili u mbuttah lejn it-triq waqt li kellhom idejhom fuq xulxin. Il-parti civili waqa' fuq in-naha tal-lemin tieghu u l-imputat waqa fuqu. Jidher ukoll li kif waqghu l-imputat zamm il-parti civili sakemm ma' hareg Charles Formosa u li l-parti civili rega' mar warajh hekk kif l-imputat kien proceda sabiex jimxi lejn l-ufficini ta' Vivian Corporation.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kaz odjern l-Avukat Generali ndika li tista' tinstab htija fil-konfronti tal-imputat taht l-Artikoli 214, 215 u 218(1) (a) tal-Kodici Kriminali. L-Artikolu 214 jipprovdi:-

> Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajjata' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta'offiża fuq il-persuna.

Illi f'dan il-kaz id-Difiza ssostni li l-imputat agixxa in legittima difesa u ghalhekk ghandhom japplikaw l-artikoli 223 u 224 tal-Kodici Kriminali. Mill-video esebit f'dawn l-atti jirrizulta li huwa minnu li l-parti civili gibed b'certu sahha x-xalla li kienet m'ghonq l-imputat tant li jidher li tilef ftit il-bilanc u spicca fuq il-bankina (08:29:33). Il-parti civili jidher li kellu jdejh

vicin l-ispalla tal-imputat. Kien proprju hawnhekk li l-imputat qabad lil Scuderi mill-gakketta u mbuttah b’sahha tul it-triq fejn spiccaw waqghu it-tnejn li huma.

Illi huwa principju stabbilit li sabiex tissussisti l-linja difensjonali tal-legittima difesa irid ikun hemm perikolu minaccjat liema perikolu ghandu jkun ingust, gravi u inevitabbli. Il-Professur Mamo jghid:

> “The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person "irreparable" evil and the law considers as "irreparable" and consequently grave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastity of an individual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent.”

Fil-kaz odjern jirrizulta li kien il-parti civili li l-ewwel pogga jdejh fuq l-imputat u gibdu mhux ftit mix-xalla li kienet m’ghonq l-imputat. Il-periklu li mpona l-parti civili fuq l-imputat kien ingust, gravi u ma jistax jigi anticipat u lanqas evitat stante li l-parti civili qabad lill-imputat mix-xalla minn wara daru. Ghalhekk hija gustifikata l-legittima difesa. Izda hekk inghad fis-sentenza Il-Pulizija vs Toni Micallef, ir-rekwizit tal-gravita’ jesigi certa proporzjoni bejn l-offiza u r-reazzjoni. Biex l-imputat ikun jista’ jigi gustifikat ghal kollox fid-difisa legittima huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew sproporzjonati ghall-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu. Fid-dawl tal-fatti esposti, fil-fehma tal-Qorti kien hemm eccess ta’ legittima difesa da parti tal-imputat meta nbutta lill-parti civili

b'rankatura. L-imbuttatura kienet ta' tali sahha li l-partijiet sahansitra spiccaw in-naha l-ohra tat-triq fejn jidher li bl-imbuttatura l-parti civili waqa u gibed fuqu lill-imputat u gew ikkawzati l-griehi indikati aktar il-fuq fil-korp ta' din is-sentenza. F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) f'sentenza tal-5 ta' Frar 1998 fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs Fortunato Sultana:-

> L-eccess ta' legittima difesa hu dovut ghan-nuqqas ta' proporzjonalita', jippostula necessarjament l-estremi tal-legittima difesa b'dan pero' li wiehed ikun mar oltre dak li kien strettament mehtieg

Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat mar oltre dak li kien strettament mehtieg fic-cirkostanzi u ghalhekk ser tapplika id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 227(d), 230(d) u 233 fil-konfront tieghu.

Dwar in-natura tal-feriti jew griehi li sofra Vito Scuderi bhala konsegwenza tal-incident mal-imputat il-Qorti tqis li dawn ma jikkwalifikawx bhala griehi ta' natura gravissima taht l-Art. 218 (1)(a) ghaliex ma kaggunawx debilita' permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew gabu difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem, jew, marda permanenti tal-mohh. Pjuttost tqis li l-griehi sofferti jaqghu taht l-Artikolu 216(1) (d) tal-Kap. 9 stante li mill-x-ray mehuda f'Gunju 2014 il-ksur kien ghadu evidenti kif ukoll il-kundizzjoni sofferta fl-ispalla damet tlett snin sakemm Vito Scuderi gie operat fl-2017[4].

---

[4] Xhieda ta' Mr Walter Busuttil a fol 131 sa 141 tal-atti processwali

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215 indikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-19 ta' Ottubru 2015 kif ukoll l-Artikoli 216(1) (d) 227(d), 230(d) u 233 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu izda kif inghad aktar il-fuq tali reat qed jitqies bhala skuzabbli ai termini tal-Artikolu 230(d) tal-Kodici Kriminali u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn millum.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur